MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2008

Citazzjoni Numru. 86/2007

Kawza fil-lista: 33

**AB E**
**vs**
**CD**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

1. Illi r-rikorrent AB E u l-intimata CD izzewwgu fl-ewwel (1) ta’ Marzu tas-sena elf disa’ mija u sebgha u disghin (1997) skond certifikat taz-zwieg anness u mmarkat Dok. A;

2. Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha;

3. Illi l-kunsens tal-intimata inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga;

4. Illi ghalhekk iz-zwieg bejn il-partijiet hu null u invalidu skond il-ligi;

Ghaldaqstant l-esponent umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:

Tiddeciedi u tiddikjara li z-zwieg bejn il-partijiet tal-ewwel (1) ta' Marzu tas-sena elf disa' mija u sebgha u disghin (1997) fuq imsemmi hu null u invalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Bl-ispejjez kontra l-intimata li hi minn issa ngunta in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta li biha rrispondiet:

1. Illi l-konvenuta taqbel illi z-zwieg bejn il-kontendenti ghandu jigi dikjarat null u dan minhabba fir-ragunijiet iccitati mill-istess attur;

2. Illi pero' essendo illi ghan-nullita' ta' l-istess zwieg jahtu iz-zewg kontendenti il-konvenuta tikkontendi illi l-ispejjez ghandhom ikunu a karigu tal-kontendenti ugwalment.

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits tal-partijiet;

Semghet il-provi bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg tieghu kuntrattat mal-konvenuta fl-1 ta' Marzu 1997 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tal-paragrafu [d], u dak tal-konvenuta kien vizzjat ukoll skond il-paragrafu [f], ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-ligijiet ta' Malta.

Il-konvenut min-naha taghha taqbel li z-zwieg ghandu jigi dikjarat null, izda ghal dan jahtu z-zewg partijiet, u ghalhekk m' ghandhiex tbati spejjez waheda.

**Kwadru tal-fatti**
Illi l-Qorti semghet liz-zewg partijiet jiddeponu.

Mill-provi jirrizulta pacifiku li l-partijiet izzewwgu f' Malta bir-rit civili fl-1 ta' Marzu 1997 meta allura l-attur, cittadin malti, kellu 19-il sena, u l-konvenuta, cittadina germaniza, kellha wkoll 19-il sena, u wara li l-partijiet kienu ilhom jafu lil xulxin tmien xhur; kif ukoll wara li l-konvenut kienet harget tqila mill-attur. Illi wara konvivenza matrimonjali ta' sitt snin, li matulha l-partijiet kellhom zewgt-it tfal, huma sseparaw de facto.

Jirrizulta li matul it-tmien xhur ta' qabel iz-zwieg, il-partijiet kienu diga' qed jirriskontraw diversi problemi, senjatament min-naha tal-familja tal-konvenuta li kienu kontra r-relazzjoni ta' bejniethom. Matul dan iz-zmien il-konvenuta kienet marret lura l-Germanja, u sussegwentement tela' il-konvenut biex ikun maghha.

Il-problemi tal-partijiet kibbru wara li l-konvenuta kienet harget tqila f' Ottubru 1996, peress li l-konvenuta ma rieditx tibqa' tghix fil-Germanja fejn kienet qed ikollha tiffaccja diversi problemi, u l-partijiet iddecidew li jigu jghixu Malta. Wara ndagini da parti taghhom ma' l-awtoritajiet lokali dwar il-posizzjoni tal-konvenuta f' Malta, huma kienu nghataw il-parir li biz-zwieg il-konvenuta kien ikollha l-freedom of movement f' Malta u ghalhekk setghet tibqa' Malta. F' dan il-kuntest, u tenut kont tal-pressjoni da parti tal-genituri ta' l-attur sabiex il-partijiet jizzewwgu u jissetiljaw peress li kienet gejja tarbija taghhom fid-dinja,

il-partijiet iddecidew li  jizzewwgu, kif fil-fatt ghamlu fl-1 ta' Marzu 1997.

Illi l-immaturita' tal-partijiet harget b' mod aktar manifest waqt il-hajja konjugali taghhom li kienet wahda turbolenti b' hafna tilwim u mrar da parti tat-tnejn.  Mat-twelid tat-tieni tarbija f' Lulju tas-sena 1999 il-pozizzjoni aggravat, u eventwalment il-partijiet isseparaw.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi din il-Qorti hija tal-fehema li f' dan il-kaz johrog manifest in-nuqqas serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju da parti taz-zewg partijiet, dwar id-dmirijiet u d-drittijiet tal-hajja konjugali. Fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali li kien preciptiat mill-forza tac-cirkostanzi li l-partijiet kienu sabu ruhhom fihom, kemm fil-Germanja kif ukoll f' Malta, huma ma gharrfux l-import tal-hajja matrimonjali; u ghalhekk, mhux sorprendenti, li mill-bidu taz-zwieg il-partijiet bdew jirriskontraw diffikultajiet serji li ma setghux jissuperawhom u li wasslu ghas-separazzjoni taghhom.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt fit-termini ta' l-ewwel parti tal-paragrafu [d] ta' l-artikolu 19[1] tal-kap.255 tal-ligjjiet ta' Malta.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talba attrici, u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fl-1 ta' Marzu 1997.  Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------